MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Numru 472/2009

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Romano Briffa
Josette (Josephine) Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 312144(M) u 7670(M) rispettivament, akkuzati talli f’Mejju 2009 u fis-snin immedjatament precedenti f’dawn il-Gzejjer:

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn 2,329.37 Ewro ghad-dannu ta' Tania Briffa – ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9;
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprjaw ruhhom billi dawru bi profit ghalihom jew ghall-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkonsenjata lilkom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jisir uzu minnha specifikat u cioe' zammejtu s-somma ta' madwar 69,881.20 Ewro benefikati minn bejgh ta' flat fix-Xemxija ghad-dannu ta' Tania Briffa – ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha u skond l-artikoli tal-ligi minnhu hemm citati baghat lill-imputat biex jigu ggudikati minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema' u tigi deciza sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kaz isib l-origini tieghu f'prokura li missier il-kwerelanta kien ta lill-imputata Josette Cutajar biex jinbiegh l-appartament tieghu f'San Pawl il-Bahar. L-imputati huma missier u bint, u missier il-kwerelanta, illum mejjet, u kien jismu George, kunjomu Briffa, hu hu l-imputat Romano Briffa. Il-kaz svolga kif ser jinghad: hu l-imputat, l-imsemmi George Briffa miet l-Awstralja fil-15 ta' Novembru 2002 u fost il-possedimenti tieghu kellu appartament f'San Pawl

il-Bahar li kien inkariga lill-imputata Josette Cutajar biex tbieghulu. Jirrizulta li dan George Briffa kien ghamel zmien jghix Malta sakemm xi snin qabel ma
miet kien tela l-Awstralja ghall-vaganza izda kien marad u baqa' hemm sakemm miet. Hawn Malta kellu appartament f'San Pawl il-Bahar li permezz ta' prokura lill-imputata Cutajar inbiegh fil-15 ta' Frar 2002 precisament disa xhur qabel ma' miet. Il-kwerelanta, jisimha Tania Briffa, allura bintu, wirtet lill-missierha u sussegwenti l-mewt tieghu, inkarigat kemm avukat l-Awstralja u kemm wiehed hawn Malta biex jirrkuprawlha ir-rikavat tal-bejgh tal-appartament. Fil-waqt li xehdet 'viva voce' fil-15 ta' Mejju 2009 affermat li l-bejgh kien sar ghal Lm41,000 li minnhom, waqt li missieha kien ghadu haj, kienet gia' rimessa  s-somma ta' circa Lm9,000 bil-bilanc li kien ghadu pendent. B'ittra datata 16 ta' Novembru 2002, gurnata fuq il-mewt ta' l-imsemmi George Briffa, l-avukat Awstraljan kien indirizza ittra lill-avukati Maltin biex jigbru l-kumplament tas-somma tar-rikavat tal-bejgh, allura Lm30,000 cirka.

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju indirizzat lil dina l-Qorti mill-Avukat Generali r-reati prezunti u allegatament kommessi mill-imputati huma t-truffa u l-frodi innominata, entrambi aggravati, u l-misapproprjazzjoni aggravata, skond il-kaz.

Intant, il-Qorti semghet il-provi u minnhom, minghajr esitazzjoni, teskludi r-reat assocjat mal-frodi b'mezzi qarrieqa, stante li bil-wisq car ma jissusistiex fin-nuqqas ta' xi prova li l-imputati adoperaw xi artificji jew raggiri biex ghamlu qligh, kif prospettat mill-prosekuzzjoni, kontra l-kwerelanta jew missierha. Fl-istess waqt lanqas ma tirrizulta, kemm il-frodi innominata u/jew l-approprjazzjoni indebita, ghaliex, u dan jista' japplika fiz-zewg kazi, l-ebda ammont ma gie pruvat li kien dovut bil-konsegwenza li ma rrizulta li sar ebda qligh bi hsara ta' haddiehor, cioe' il-kwerelanta.

Il-prosekuzzjoni hi tenuta li tipprova minghajr ebda dubbju raggjonevoli dettat mir-raguni fil-waqt li l-imputati jehtigilhom jippruvaw imqarr sal-grad tal-probbabli. L-

imputati irnexxielhom f'din il-prova u dak li jsostnu huwa suffragat mix-xhieda ta' hu l-iehor l-imputat jismu Mario Briffa.

Frankament, dina l-Qorti mhux qeghdha lanqas tiddentifika ebda 'mala fede' fl-operat tal-imputata Cutajar qua mandatarja. L-ammont mill-bejgh li kien irceva l-mandanti kien dak li kien lilu dovut wara li kienu thallsu l-ammonti minnu dovuti u spejjez.

Il-Qorti jidrilha li ghandha tieqaf hawn.

Billi l-akkuzi ma jinsabux pruvati tilliberha lill-imputati minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------